# Werrej

Studju Kritiku Letterarju min-Nutar Harry Demajo B.A., LL.D. ...... 7
Curriculum Vitæ ........................................ 9
Daħla ........................................ 13
Siltiet mill-Manifest Elettorali ........................................ 16

1 Veġetarjaniżmu, Ġdur, Basal u Zunnarija ........................ 21
2 Iċ-Ċelibat u l-Periklu min-Nisa ........................ 27
3 Buttuni u Żippijiet ........................ 33
4 Murtali, Bombi u Kull Xorta ta' Logħob tan-Nar ........................ 38
5 Il-Vanġeli, Talb Skorrett u Punti Teoloġiċi ........................ 43
6 Id-Daħla Grandjuża tal-Belt Maestuża Tagħna ........................ 51
7 L-Umiltà tas-Sigarrett ........................ 59
8 Il-Mobile ........................ 67
9 Iċ-Ċensura ........................ 74
10 L-Arkett ........................ 81
11 Il-Fsied ........................ 88
12 It-Tattoos ........................ 95
13 Il-Festival tal-Eurovision ........................ 99
14 Id-Djar Maltin ........................ 105
15 L-Astinenza ........................ 113
16 Il-Vanità u Tbagħbis man-Natura ........................ 120
17 Id-Dixxiplina ........................ 125
18 Iċ-Ċinema ........................ 130
19 L-Arti Moderna ........................ 136
20 L-Ilma u l-Enerġija ........................ 142
21 Ix-Xjuħija ........................ 149
22 Il-Ħolm ........................ 156
23 Mard u Mediċini ........................ 163
24 Il-Patrijottiżmu u l-Identità Nazzjonali ........................ 170
25 Il-Ġenesi ........................ 175

Addenda ........................................ 181

# Daħla

Il-ħajja għallmitni ħafna xorti, imma l-aktar tagħlima għal qalbi hija dik li m'għandna qatt ningħalqu fina nfusna. Bil-maqlub, dejjem għandna ninfetħu għall-oħrajn. U proprju għalhekk ġieni l-ħsieb li ngħaqqad flimkien l-aħjar artikoli li ktibt f'diversi ġurnali u l-aħjar taħditiet li tajt, tul karriera ta' aktar minn 30 sena, u niġborhom fi ktieb. Anzi, biex inkun aktar korrett, irrid ngħid li dan tħajjart nagħmlu fuq l-insistenza ta' ħafna minn ħbiebi, minn ta' quddiem nett ħabibi n-Nutar Harry Demajo u ta' ħafna mill-qarrejja tiegħi u ta' dawk li umilment nista' nsejħilhom *segwaċi* tiegħi. Dan il-ktieb qed insemmih *Bizzilla* għal żewġ għanijiet: l-ewwel nett bħala tislima lill-arti tal-arkett li hija verament *bizzilla fl-injam;* u t-tieni nett għax nemmen li dawn il-ħsibijiet umli tiegħi, ħolqa ġo ħolqa, jistgħu jiffurmaw bizzilla mill-aktar artistika.

Sa minn żgħożiti, kull meta nisma' l-parabbola tat-talenti, kont inħoss xewqa kbira li nħaddem bl-aħjar mod possibbli d-doni li l-Mulej għoġbu jagħtini; inħaddimhom mhux biex nikseb qligħ għal buti, imma biex dak li tani l-Mulej naqsmu mal-oħrajn. Ma jkun qatt li meta nidher quddiemu jgħidli: "Qaddej ħażin

u għażżien!" … iżda għall-kuntrarju, irrid nisimgħu jgħidli li ħaddimt tajjeb ħafna t-talenti li fdali f'idejja, għax "min għandu, jingħatalu!"

Għeżież ħbieb tiegħi, ma nippretendix li taqblu miegħi f'dak kollu li qed nesponi f'dan il-ktieb. Xi wħud minnkom forsi se tkunu qed tiffaċċjaw dawn is-suġġetti għall-ewwel darba, u titħawdu jew saħansitra tħossukom ixxukkjati. Ma nagħtikomx tort. Jien ili naħseb fuqhom għal snin twal u domt qatigħ sa ma wasalt għall-konklużjonijiet li hawn qiegħed nippreżenta. Ma nippretendix li intom, hekk ħabta u sabta, se taslu taċċettaw dak li lili ħadli snin twal ta' għaraq tad-demm. Imma ma jimpurtax, ħudu ftit paċenzja bija u afdawni. Aqrawhom u erġgħu aqrawhom, u meta twarrbu l-ktieb, ibqgħu xtarruhom u aħsbu fuqhom. Persważ li wara ftit ġimgħat, jew xhur (jew jista' jkun anki snin), taslu biex tibdew taqblu miegħi. Kunu perseveranti fit-tiftix għall-għerf u taraw kif qed ngħidilkom is-sewwa. Għax f'ħafna każi, jiena għażilt nitkellem dwar prinċipji sagrosanti li, intenni, irnexxieli nagħrafhom wara snin twal ta' riċerka. Għalhekk, ladarba dawn huma prinċipji, m'hemmx lok għal opinjonijiet diversi. Jeħtiġilkom issibu biss il-mument meta għajnejkom jinfetħu u taraw kollox fid-dawl proprju tiegħu. L-għan tiegħi mhux li nippritkalkom, imma li ngħinkom biex għajnejkom jinfetħu.

Meta mbagħad taslu għall-punt tal-illuminazzjoni, nitlobkom biex intom ukoll tkunu ambaxxaturi tal-aħbar it-tajba. Ħajru oħrajn jaqraw dan ix-xogħol fqajjar tiegħi, bit-tama li jkun hemm ħafna u ħafna oħrajn li bħalkom

jinfetħulhom għajnejhom u jaslu jħaddnu l-prinċipji li hawn miġbura f'dawn il-paġni.

Qabel intemm dawn il-kelmtejn tiegħi nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li tawni l-appoġġ tagħhom għal dan il-proġett: minn ta' quddiem nett sħabi tal-Għaqda Dilettanti tal-Arkett, is-Sur Mario Scicluna, segretarju tas-Soċjetà tal-Liżar Imqaddes; is-Sur Carmelo Borg, Sindku tal-Belt; lis-Sur Trevor Żahra li għoġbu jdurli l-ktieb għall-irqaqat ikkomplikati u xi drabi futili ta' lsienna; u l-aħħar iżda mhux l-inqas, il-konfessur tiegħi li fuq l-insistenza tiegħu m'iniex qed inxandar ismu.

Jekk dawn il-kitbiet jiswewlek ta' ġid, tirringrazzjax lili, imma biss lill-Mulej li għoġbu jkun ġeneruż fit-talenti li jislifni.

*Il-Kav. John Giordimaina O.S.C.I.*
*31 ta' Marzu 2008*

## SILTIET MILL-MANIFEST ELETTORALI TAS-SUR JOHN GIORDIMAINA

*Kandidat Indipendenti (l-Ewwel Distrett)*
*Elezzjoni Ġenerali 1981*

Hawnhekk qed nirriproduċi, fil-qosor kemm jista' jkun, siltiet mill-manifest elettorali tiegħi, maħruġ fl-1981 u stampat għand Peresso Press, Valletta. Peress li għad fadalli madwar ħames kaxxi b'dan il-manifest, kull min jixtieq jaqrah fit-totalità tiegħu huwa ġentilment mitlub jiktibli fl-indirizz li jidher fil-Curriculum Vitæ tiegħi, u jibgħatli SAE *(self-addressed envelope)* qies A5 b'bolla ta' 20ċ imwaħħla fir-rokna ta' fuq nett, in-naħa tal-lemin. Naħseb tapprezzaw il-fatt li ma nistax noqgħod nidħol fi spejjeż ta' bolli, wara li nkun bgħattilkom bla ħlas dan il-manifest storiku. (Ara paġna 182.)

**Niffrankaw il-Petrol**

Inwiegħed li fi żmien tliet snin (massimu) l-Istat jibni triq dritta xemgħa, li miċ-Ċirkewwa tibqa' sejra sa Marsaxlokk. Minbarra li tkun preċiżament dritta, din is-super-awtostrada tkun dejjem għan-niżla. B'hekk is-sewwieqa jkunu jistgħu jitfu l-magna u jsuqu kilometri sħaħ mingħajr ma jonfqu ċenteżmu petrol.

**Tħaffir taħt l-Art**

Kif jaf kulħadd, kull meta jkun qed isir tħaffir minħabba proġetti ta' kostruzzjoni, aktar iva milli le jinstabu għadd ta' fdalijiet ta' importanza

arkeoloġika. Inwiegħed li l-Istat jibda proġett ta' tħaffir metikoluż f'kull parti ta' Malta u Għawdex, bittama li jinstabu aktar siti arkeoloġiċi, bil-possibbiltà li magħhom jinstabu wkoll teżori ta' rikkezza kbira li tradizzjonalment jinsabu midfuna xi mkien f'pajjiżna. It-tħaffir isir fil-fond bil-wisq aktar minn kif kien isir fl-imgħoddi, peress li ipoġej u sotterrani x'aktarx kienu jitħaffru fil-fond ġmielu minħabba s-sigurtà.

**Il-Ħmieġ taċ-Chewing Gum**

Inwiegħed li jinġiebu magni apposta li jnaddfu l-bankini u t-toroq tagħna mill-għoqod taċ-chewing gum li qed jimpestaw pajjiżna. Dan iċ-chewing gum li jinġabar, jintuża sabiex bih jimtlew il-ħofor tattriqat. B'hekk inkunu qed nirriċiklaw iċ-chewing gum, u oġġett li kien qed jagħmel ħsara, jintuża għallġid. Naħdem ukoll sabiex din is-sistema jinħarġilha patent sabiex il-pajjiżi li jitħajru jikkupjawna jkunu obbligati jħallsu ċifra xierqa talli jkunu qed jużaw idea tagħna.

**Sewwieqa Xurbana**

Sewwieq li jinqabad xurban ma jeħel ebda multa, iżda l-karozza tiegħu tinżebagħ b'lewn aħdar floressenti (li jkun jidher jixgħel anki matul il-ġurnata) bħala kastig tar-reat li jkun wettaq. Il-karozza tinżebagħ mill-Gvern a spejjeż tal-imputat u dan ma jkunx jista' jneħħilha dak il-kulur qabel 5 snin.

**Ħmieġ tal-Klieb**

Kull min irabbi kelb jew qattus (jew xi annimal domestiku ieħor) ikun irid imur jirreġistrah biex tittieħed id-DNA tiegħu u tiġi kkatalogata. Skwadra apposta tkun responsabbli li ddur ta' kuljum it-triqat kollha ta' Malta u Għawdex, tiġbor il-ħmieġ kollu li ssib u tieħu d-DNA tiegħu. B'hekk ikun stabbilit b'ċertezza assoluta min kien il-kelb li ħammeġ f'dak il-post u allura sidu jiġi ttraċċjat immedjatament. Dawn is-sidien kolpevoli jkollhom iservu għal xahar, bla ħlas, bħala membri tal-iskwadra msemmija.

**Tipjip**

L-Istat iqassam sigarretti b'xejn lil kull min ikun għaddej minn perijodu ta' stress, tensjoni, inkwiet fil-ħajja matrimonjali, dipressjoni, diqa minħabba l-mewt ta' xi ħadd għażiż, diżappunti, diżillużjoni eċċ. Dawn iservu sabiex il-persuna tikkalma u tkun kapaċi tiffaċċja l-problemi tal-ħajja. Din hija sistema ppruvata minni stess bl-akbar suċċess.

**L-Arkett Bħala Suġġett Obbligatorju fl-Iskejjel**

Peress li mill-esperjenza tagħna, aħna nafu ben tajjeb kemm l-arkett huwa arti tal-ogħla livell, inwiegħdu li ndaħħluh bħala suġġett obbligatorju fl-iskejjel kollha tal-Istat, subien u bniet; u maż-żmien tibda ssir Fiera Internazzjonali tal-Arkett li ċertament tiġbed dilettanti mid-dinja kollha. Nibdew ukoll trattati mal-Gran Brittanja sabiex jibdew isiru eżamijiet

tal-GCE tal-Arkett, O u A-Level. Inwaqqfu wkoll fabbrika li tipproduċi kull tip ta' oġġetti bl-arkett u nifthu l-bibien għall-esportazzjoni.

**Ilma u Enerġija**

Inwiegħed pjan inġenjuż kif jista' jinbena impjant ta' *idroelettriċità* u għadd ta' miżuri oħra kif niġbru eluf ta' glalen ta' ilma li preżentement qegħdin jintremew fil-baħar. (Għal aktar tagħrif ara t-teżi tiegħi f'paġna 142.)

**Għajnuna mill-Gvern lill-Kmamar tan-Nar**

Bħalma l-Gvern jgħin lil diversi għaqdiet volontarji, hekk ukoll għandu jgħin lill-kmamar tan-nar. Inwiegħed li l-Istat joħroġ sussidju xieraq lil min jaħdem in-nar, skont kemm il-kamra tkun qiegħda tipproduċi. Tinħareġ ukoll pensjoni xierqa lill-familji li jintlaqtu minn xi diżgrazzja konnessa mal-logħob tan-nar. F'każ ta' diżgrazzja kbira li fiha jitilfu ħajjithom 3 persuni jew aktar, il-Gvern jagħtihom funeral statali.

**Taxxa fuq it-Tattoos**

Kulħadd huwa ħieles li jagħmel kemm tattoos irid, imma peress li aħna konxji tar-riperkussjonijiet li dawn iġibu magħhom, il-Gvern jipprova jiskoraġġixxi kemm jista' din il-prattika. Jinħadmu sett ta' regolamenti stretti dwar dawk li jpinġu t-tattoos, fosthom li jiżdied b'mod drastiku l-ħlas tal-liċenzja għal min irid jiftaħ saloon u jkollu kwota fissa ta' kemm tattoos jista'

jagħmel kull sena. Min jagħmel tattoo fuq ġismu jkun irid iħallas taxxa li tiżdied aktar ma t-tattoo jkun kbir u aktar ma jkun f'post li jidher. Ikun ipprojbit li jsiru tattoos fuq il-wiċċ. Min jinqabad jpprova jevita din it-taxxa, isirlu tattoo fuq moħħu bin-numru tal-att tal-liġi li huwa jkun kiser.

**Ċensura**

Jinħatar bord taċ-ċensura (li jiena nkun iċ-chairman tiegħu) sabiex ma jitħallewx jidħlu f'Malta films moqżieża, kotba li jistgħu jikkorrompu ż-żgħażagħ tagħna, drammi disturbanti u kull forma ta' psewdo-arti li l-għan tagħha jkun li timmina t-twemmin għażiż tagħna.

**Għajnuna Soċjali**

Naħdmu fuq diversi skemi ta' għajnuniet soċjali li ftit li xejn ħadd qatt ħaseb fihom. Ngħidu aħna, nesiġu li l-kalzetti jibdew jinbiegħu f'pakketti ta' tlieta, sabiex min jitlef waħda (ħaġa li tiġri ta' spiss) ma jkollux għalfejn imur jixtri pakkett ġdid u jidħol fi spejjeż bla bżonn.

**Festa Pubblika**

Inżidu l-4 ta' Diċembru bħala festa pubblika. Din hija l-festa ta' Santa Barbara, qaddisa protettriċi tal-logħob tan-nar.